MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 366/2009

Kawza fil-lista: 37

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Settembru 2000, u f'dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d], [f] u [g], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha teccepixxi li hi m'ghandhiex responsabbilita' ghan-nullita';

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-23 ta' Settembru 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qed taqbel li z-zwieg huwa null, izda qieghda tikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Settembru 2000 meta allura l-partijiet it-tnejn kellhom 28 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa sentejn u nofs li matul l-ahhar sentejn kienu jghixu flimkien.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attur isostni li huwa zzewweg lill-konvenuta minhabba l-fatt li kienet mara sabiha u mhux ghax fil-fatt kien ihobbha, huwa jishaqq hafna dwar il-fatt li dahal ghaz-zwieg mhux b'sens ta' permanenza izda ghax ic-cirkostanzi komplew javvanzaw sal-punt taz-zwieg u huwa hassu li ma setax imur lura minn kellmtu.  L-attur jinsisti li r-ragunament tieghu kien li dejjem seta' jinhall minn din ir-rabta u jerga' jizzewweg tant li ma marx il-kors ta' kana peress li skond hu l-konvenuta qaltlu li ma kienx hemm bzonn li jmur peress li dan ma kienx ghalih, ghalhekk baqa' taht l-impressjoni li dak li ghalih huwa divorzju,

f'Malta jissejjah separazzjoni u b'hekk xorta wahda seta' jerga jizzewweg kieku ried. Jiddeskrivi r-relazzjoni taghhom bhala "*wahda superficjali ghall-ahhar, qatt ma konna ddiskutejna affarijiet relatati mal-hajja mizzewga, mad-dmirijiet u r-responsabiltajiet taz-zwieg u affarijiet simili*"[1]

Illi l-attur huwa deskritt bhala bniedem difficli, aggressiv verbalment u ma jhobbx min ma jaqbilx mieghu. "*...knowing A' character for the amount of years I know him, I find that it is difficult for a woman, any woman, to be able to live with A...due to his nature, I did have my doubts about the eventual success of this marriage*"[2]. Dan kompla jigi kkonfermat mill-konvenuta kemm fid-dikjarazzjoni taghha kif ukoll fix-xhieda li hija tat meta ssostni li "*l-attur ma kienx fizikament vjolenti fil-konfront ta' martu huwa kien generalment aggressiv maghha, kif kien ukoll ma' kull min b'xi mod kien jipprovaka lill-attur jew ma jaqbilx mieghu. Kien ihoss illi qieghed jigi provokat minn kull minn jikkontrarjah u hekk kif ihoss illi qieghed jigi provokat kien isir aggressiv, offensive u nsolenti. Kellu incidenti mal-maggior parti tan-nies illi b'xi mod iltaqa' maghhom... kien jghajjat u jsabbat, kien jghezzez snienu u jghaqqad il-ponnijiet*"[3]. Il-konvenuta tghid li minhabba l-karattru aggressiv ta' zewgha huma kienu marru ghand il-psikologa Mariella Blackman fejn ikkonkludiet wara s-sessjonijiet li kellhom maghha li l-problema ta' l-attur "*kienet wahda ereditarja u ma tantx kien hemm x'taghmel fuqha*"[4].

Illi l-konvenuta kienet tuza kontracettivi sabiex ma jkollhiex tfal "*[il-konvenuta] qaltli illi qatt ma riedet tfal minn tieghi u li kienet ghal din ir-raguni li hija kienet qed tiehu l-kontracettivi*"[5]. Fil-fatt il-konvenuta stess stqarret li "*jiena fis-sitwazzjomni matrimonjali taghna ma ridtx ingib tfal fid-dinja, precizament minhabba l-karattru aggressiv tar-ragel tieghi*"[6]

[1] Vide fol. 4 tal-process
[2] Vide fol. 19 tal-process.
[3] Vide fol. 41 tal-process.
[4] Vide fol. 46 tal-process.
[5] Vide fol. 5 tal- process.
[6] Vide fol. 47 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-partijiet l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr m'gharrfu l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienu inkapaci jghixu flimkien f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom u dan peress li l-attur eskluda l-permanenza taz-zwieg mentri l-konvenuta eskludiet it-tfal minn dan iz-zwieg minhabba l-karattru ta' l-attur li kienet a konoxxenza tieghu minn qabel iz-zwieg u b'mod immatur xorta pperseverat f'din ir-relazzjoni u kompliet sabiex izzewgitu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Settembru 2000.

L-ispejjez ikunu a kariku taz-zewg partijiet fi kwoti indaqs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------